



C/2025/5497

8.10.2025

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata
(Il-Każ M.12073 — VELOBANK / BANK HANDLOWY)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5497)

Fl-4 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsim tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<https://competition-cases.ec.europa.eu/search>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32025M12073. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.